MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 2275/2003

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet ta' Giuseppe M. Zammit u l-istess Giuseppe M. Zammit**

**vs**

**Joseph Casha**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm871.85) rappresentanti danni subiti mill-atturi f'incident stradali li sehh gewwa San Giljan fl-1 ta' Settembru 2002 bejn vettura bin-numru VTR 014 misjuqa minn Joseph Zammit u vettura EAH 956 misjuqa mill-

konvenut. Mill-ammont mitlub Lm25 thallsu mill-attur Giuseppe M. Zammit bhala “excess”.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-14 ta’ Awissu 2003 (Dokument A ma’l-avviz) u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghal-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine et. sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-2 ta’ April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta’ tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm871.85), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghal-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------